ma' ras verbi oħra, bħalma huma *tferraħ, tgerbeb, tkisser,* li jsiru minn *ferraħ, gerbeb, kisser* : irrid ingħid jien : ma hix sura li dehret f'"IL-MALTI" bħala maqlugħa minn żnied min kitibha, u għalhekk ma tkunx ħaġa kbira jekk indaħħluha fil-malti miktub.

(2) Bħala kelmiet tas-sura ta' *mitkellem* hemm, fil-malti, iż-żewġ partiċipji *mitkixxef* u *mitqabbel* : dak ta' l-ewwel jinsab imniżżel fid-Dizzjunarju Falzon ; dan ta' l-aħħar jistama' fit-taħdit. Il-kliem : *Toni qabbel ir-raba' lil Ċikku* jinqaleb fil-kliem : *ir-raba' ġie* mqabbel *lil Ċikku minn Toni* : il-kliem : *Ċikku* tqabbel *ir-raba' minn għand Toni* jinqaleb u jsir : ir-*raba' ġie* mitqabbel *minn Ċikku minn għand Toni.*

(3) li verbi ta' sura xort'oħra minn dik ta' *kellem, kisser, gerbeb,* imma li bħalhom iżidu *t* ma' rashom biex igħaddu għal klassi oħra, bħalma huma *wiegħed, wieżen, kiel, ħa'* li jsiru *twiegħed, twieżen, ttiekel, ttieħed,* barra mis-sura tal-partiċipji tagħhom *mwiegħed, mwieżen, mekul, meħud,* jagħmlu wkoll il-partiċipji ta' sħabhom: *mitwiegħed, mitwieżen.*

Għaddieli minn rasi inbagħad jekk l-artiklu tal-kliem *il-lsien miktub* u *il-lsien mitkellem* għandux ikun imtenni bħalma nsibuh fi kliem bħal : *il-mogħża l-bajda qiegħda ħdejn il-mogħża s-sewda :* inkella għandux jinkiteb darba biss kif insibuh fil-kliem : *id-dawl qawwi jgħammex il-għajnejn ;* u sibt, jew deherli li sibt, li l-artiklu jinkiteb imtenni meta nkunu rridu nagħżlu bejn ħaġa u oħra ta' isem wieħed u ngħidu liema hi minnhom ; u ma jinkitibx imtenni meta għandna ħaġa waħda quddiemna u rridu nagħżlu bejn kwalità u oħra tagħha : bi kliem ieħor intennu l-artiklu meta flok li ntennuh nistgħu nqiegħdu : *li hu, li hi, li huma ;* ara *l-mogħża li hi bajda* kliem li hu ħaġa waħda bħal : *il-mogħża l-bajda* ; u ma ntennuhx meta bejn in-nom u l-aġġettiv nistgħu ndaħħlu l-kelmiet : *meta hu, meta hi, meta huma, kif ikun, kif tkun, kif ikunu ;* ara : *id-dawl* (meta jkun) *qawwi jgħammex il-għajnejn ; il-weraq* (meta jkun) *niexef ma jżommx fis-siġra.* Issa meta ngħidu : *tħaddet fuq il-Malti mitkellem u fuq il-għarbi miktub* qisna nkunu ngħidu : *tħaddet fuq il-malti* (kif jinsab) *mitkellem u fuq il-għarbi* (kif-in hu) *miktub* u mhux *fuq il-malti* (li hu) *mitkellem u fuq l-għarbi* (li hu) *miktub.* Mela l-artiklu, skond il-fehma tiegħi, ma jiġix imtenni bejn il-kelmiet *ilsien, malti, għarbi* eċċ. u l-kelmiet *mitkellem* u *miktub.*

**G. V.**

Ara wkoll il-MALTI ta' 1926 faċċ. 13.

# IL-MALTI U L-GĦARBI

Ħafna fost il-kittieba ta' ftit żmien ilu kienu jaħsbu li l-malti ma huwiex għarbi safi ; iżda għandu aktar mill-finiċju. Il-lum, wara l-kotba ta' GESENIUS u ta' STUMME, hekk il-Barranin, kif ukoll xi kittieba ta' "IL-MALTI," iżommu li l-malti hu djalett għarbi bħal dak ta' l-Affrika ta' fuq (Tripolitania, Tunes, Algier, Marokk). Dawn il-ġranet weqgħet f'idejja l-Enċiklopedija Kattolika Ingliża u taħt l-isem "Malta" (Vol. IX, pp. 574-576) insib miktub dan, li huwa xieraq li kull qarrej ta' "IL-MALTI" jkun jaf :

"*The principal and almost the only monument of the Arab dominion is said to be the Maltese language, which is Semitic and has much in common with Arabic. The weight of the best authority seems, however, to incline decidedly to he view that the present Maltese language is directly descended from the Phoenician with but little modification by the Arabic. The Arabs, in fact, seem to have left the Maltese very much to themselves and to have interfered with their language as little as they interfered with their religion and their popular customs,*" p. 575[a].

Il-Kittieb ta' dan l-artikolu huwa JAMES KENDAL, S.J., li kiteb ukoll fl-Enċiklopedija fuq : Bulawayo, Rhodesia, South Africa. Dan il-Vol. IX ġie maħruġ fis-sena 1913.

P. KENDAL ma qalilniex min huma "the best authority," u dak li qal li l-Għarab ħallew lill-Maltin għalihom jaqbel ħafna ma' dak li kiteb ma ilux il-Prof. T. ZAMMIT :

"Ħawn Malta, art żgħira u mwarrba, [is-Saraċini] ma wrewx u la għerfhom u anqas snienhom. Ftit huma l-ħwejjeġ li ħallew, u la bini, u la fuħħar u anqas flus. Dan juri li kienu ftit u ma ridux ħlief li Malta ma' taqâx f'idejn ħaddieħor." *(Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja Tagħhom).* Valletta, 1925 p. 18.

**P. Serafin M. Zarb, O.P.**